*il-kwistjoni li qiegħed jissolleva l-appellant dwar jekk it-Tribunal osservax id-dispożizzjonijiet proċedurali tas-subartikolu 728(2) tal-Kap. 12, hija waħda li tolqot punt ta' liġi – għalhekk dan l-aggravju huwa ammissibbli skont is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 27/2023 LM

**Keith Caruana Borg (K.I. nru. 390487(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Foundation for Tomorrow's Schools (Nru. ta' Reġistrazzjoni LPF 354)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Keith Caruana Borg (K.I. nru. 390487(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l

quddiem 'it-Tribunal'] fit-28 ta' Frar, 2023, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru. 4068/GV, fil-konfront tal-intimata **Foundation for Tomorrow's Schools (Nru. ta' Reġistrazzjoni LPF 354)** [minn issa 'l quddiem 'il-Fondazzjoni appellata'], fejn iddeċieda kif ġej:

> *"...dan it-Tribunal qiegħed jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Fondazzjoni ntimata u dan stante li l-azzjoni kif imposta mir-rikorrent Keith Caruana Borg hi preskritta ai termini tal-artikolu 10(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.95."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw l-allegat aġir diskriminatorju tal-Fondazzjoni appellata fil-konfront tal-appellant li sar bi ksur tal-artikoli 26 *et seq.* tal-Kap. 452, meta ddeċidiet li twaqqaf l-*allowance* tiegħu u ta' mpjegati oħra, imma dawn tal-aħħar ingħataw kumpens permanenti ieħor.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellant istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fil-11 ta' Mejju, 2022 fejn talab l-imsemmi Tribunal sabiex:

> "(1) *Jiddikjara li l-aġir tas-soċjetà intimata fil-konfront tar-rikorrent kif deskritt aktar 'il fuq u ċioe' li waqqfet l-*allowance *tar-rikorrent b'mod arbitrarju mingħajr ebda rimedju jew kumpens filwaqt li sabet rimedju għall-impjegati l-oħra sabiex jingħataw kumpens permanenti għat-twaqqif tal-*allowances *li kienu jingħataw, kien fil-fatt aġir diskriminatorju u bi ksur tal-artikoli 26* et seq *tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *(2) Jordna lill-fondazzjoni intimata sabiex terġa' tibda tagħti l-*expense allowance *lir-rikorrent jew kumpens ieħor permanenti fl-istess ammont;*

*(3) Jordna lill-fondazzjoni intimata tħallas kumpens ġust lir-rikorrent għad-diskriminazzjoni sofferta minnu;*

*(4) Jagħti kwalunkwe ordni oħra u azzjoni oħra xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi; u dan* ai termini *tal-artikolu 26 et seq tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta."*

4. Il-Fondazzjoni appellata wieġbet fit-28 ta' Ġunju, 2022, fejn issottomettiet dan li ġej:

1. *Kwalsiasi arranġament li kien igawdi s-Sur Caruana, partikolarment l-għoti ta'* expense allowance *fis-sena 2017, ġie sorvolat f'Jannar 2022 meta ġie ffirmat il-Ftehim Kollettiv illi jispeċifika b'mod ċar u inekwivoku illi –*

   "The FTS and the GWU affirm that this Agreement is a contract that legally binds them and covers all areas of agreement between the parties. **Any other contracts or agreements relative to the employees covered by this Agreement, whether written or verbal, collective or individual, are hereby being rescinded unless they are included in this Agreement**. Any amendments agreed between the parties should be made in writing and attached to this Agreement as an Appendix."

2. *It-tneħħija ta' din l-*allowance *ġiet diskussa kemm -il darba mar-rappreżentanti tal-GWU, inkluż is-sur Caruana, fin-negozjati li wasslu għall-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv. Tajjeb jingħad li s-sur Caruana kien preżenti f'kull stadju tan-negozjati tal-Ftehim Kollettiv u kien ben konxju li l-perkaċċa de quo kienet ser tinqata' kemm -il darba ma tiġix sanata mill-Industrial Relations Unit, People and Standards fi ħdan l-OPM. Għaldaqstant l-allegazzjoni li din il-perkaċċa tneħħiet ħabta u sabta hija totalment inveritiera;*

3. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost l-*expense allowance *mogħtija lis-sur Caruana fis-sena 2017 kienet monka mill-approvazzjonijiet statutorji neċessarji. Fin-nuqqas ta' tali approvazzjonijiet, din il-perkaċċa kienet waħda irregolari u għaldaqstant l-arranġament bil-miktub f'dan ir-rigward huwa null;*

4. *Se mai, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-istess* expense allowance *kienet talvolta waħda diskriminatorja fil-konfront tal-impjegati kollegi li qegħdin fl-istess grad u għandhom l-istess responsabbiltajiet tas-sur Caruana u għaldaqstant l-għoti irregolari ta' din il-perkeċċa ħoloq preġudizzju serju fil-konfront tal-Foundation;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Foundation kienet, bl-approvazzjoni tal-IRU offriet lis-sur Caruana skont ittra datata 28 Jannar 2022, li l-perkaċċa de quo tidħol fil-paga tiegħu, b'dana imma illi huwa irrifjutaha.*

6. *Illi l-Foundation fil-mori ta' dawn il-proċeduri ser turi kif it-talbiet da parti tas-Sur Keith Caruana Borg huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement qed titlob lil dana l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet fl-intier tagħhom u dana taħt dawk il-provvedimenti li huma xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez."*

5. Il-Fondazzjoni appellata ppreżentat rikors quddiem it-Tribunal, fejn talbet permess sabiex titħalla tressaq is-segwenti eċċezzjonijiet preliminari:

1) *Illi l-każ huwa preskritt ai termini tal-Kap. 452 u/jew tal-liġi sussidjarja 452.95 maħruġa taħt l-istess Kap. 452;*

2) *Illi l-fondazzjoni ntimata ma hijiex il-leġittimu kuntradittur f'din il-kawża u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante li hija iffirmat ftehim kollettiv mal-unjin rikonoxxuta u ma għandiex tinżamm responsabbli għal ebda nuqqas li setgħet allegatament għamlet l-unjin meta nnegozjat għan-nom tal-membri tagħha l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, u tali lment ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni jew kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal Industrijali.*

3) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kemm -il darba dan l-Onorabbli Tribunal ma jilqax it-talbiet preċedenti, sabiex l-ġudizzju ikun integru għandha tiġi kjamata in kawża l-General Workers Union li hija l-unjin li ffirmat il-ftehim kollettiv għan-nom tal-impjegati tal-fondazzjoni ntimata nkluż għan-nom tar-rikorrent."*

6. L-appellant wieġeb kif ġej:

1. *Illi permezz tal-ewwel talba tagħha, il-Fondazzjoni ntimata talbet lil dan l-abbli Tribunal il-permess sabiex tqajjem l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni abbażi tal-Liġi sussidjarja 452.95. Madankollu, il-Fondazzjoni naqset milli tiċċita l-artikolu li għalih qiegħda tagħmel referenza u għaldaqstant ir-rikorrent jitlob li t-talba għal din l-eċċezzjoni tiġi miċħuda stante li r-rikorrent ma jistax jagħti*

*risposta għal talba msejsa fuq artikolu mingħajr ma jiġi ndikat l-artikolu in kwistjoni;*

2. *Illi permezz tat-tieni talba tagħha, il-Fondazzjoni intimata qiegħda titlob il-permess ta' dan l-abbli Tribunal sabiex tqajjem l-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur, eċċezzjoni li setgħet titqajjem* in limine litis. *Għaldaqstant, ir-rikorrent jitlob li anke t-talba għal din l-eċċezzjoni tiġi miċħuda stante li tali talba qiegħda ssir* entro-termine *tar-risposta tagħha;*

3. *Illi permezz tat-tielet talba tagħha, il-Fondazzjoni intimata qiegħda titlob lil dan l-abbli Tribunal permess sabiex tressaq it-tielet eċċezzjoni tagħha u ċioe dik li l-General Workers' Union tiġi kjamata in kawża, liema talba qiegħda ssir ukoll* entro-termine *tar-risposta tal-Fondazzjoni. In oltre, it-talba għal kjamat in kawża* ***mhix eċċezzjoni preliminari*** *u għaldaqstant, tali talba għandha ssir permezz ta' rikors ulterjuri li għalih, ir-rikorrent ikollu l-opportunità li jirrispondi. Għaldaqstant, ir-rikorrent huwa tal-fehma li anke din it-tielet talba tal-Fondazzjoni għandha tiġi miċħuda minn dan l-abbli Tribunal.*

   *Għaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil dan l-abbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet kollha tal-Fondazzjoni intimata stante li l-istess talbiet qegħdin isiru sabiex jostakolaw u jtawlu l-proċeduri preżenti.*

   *U dan taħt kull provvediment li t-Tribunal jidhirlu li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkustanzi."*

## Id-deċiżjoni appellata

7. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni preliminari tiegħu:

***"L-Eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali***

*Fit-trattazzjoni li saret fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2023 r-rappreżentant legali tal-Fondazzjoni ntimata għamel referenza għas-subinċiż wieħed tal-artikolu għaxra (10 (1)) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.95 li tikkonċerna Regolamenti Dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi, ossia l-perijodu ta' erba' xhur li persuna għandha sabiex tirreferi l-kwistjoni lit-Tribunal Industrijali. Fit-trattazzjoni msemmija dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-erba' xhur ġie sottomess mir-rappreżentant legali tal-Fondazzjoni*

*ntimata li r-rikorrent kien ilu jaf dwar l-allegata diskriminazzjoni dwar l-*allowance *mix-xahar ta' Lulju 2021.*

*Mill-banda l-oħra r-rappreżentanta legali tar-rikorrent sostniet li d-diskriminazzjoni mar-rikorrent saret wara li kien iffirmat il-Ftehim Kollettiv mall-G.W.U. li kien sar fil-26 ta' Jannar 2022.*

*Illi artikolu 10(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.95 jistipula s-segwenti:-*

> 10.(1) Persuna li tallega li kienet soġġetta għal trattament diskriminatorju, kemm dirett kemm indirett, fir-rigward tal-impieg tagħha skont dawn ir-regolamenti tista', fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, tirreferi l-kwistjoni lit-Tribunal Industrijali biex tingħata rimedju skont ma hemm provdut fl-artikolu 30 tal-Att (fn. 5 Leġislazzjoni Sussidjajra 452.95 – Regolamenti Dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi."

*Illi għar-rigward ta' din l-eċċezzjoni t-Tribunal ra d-dokumenti ppreżentati u jinnota li fix-xhieda tar-rikorrent li hu stess ta fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2022, ir-rikorrent jgħid li fi Frar 2019 kienet qiegħda ssir diskriminazzjoni miegħu peress li xi* draughtsmen *li kienu tlett gradi ogħla fil-paga, u dan bl-istess* job description *tiegħu. Ir-rikorrent saħaq li hu ma kienx ingħata l-opportunità li japplika għal dan il-grad.*

*Ir-rikorrent jgħid li kien ingħata żewġ* addendums *oħra mal-kuntratt fejn f'waħda kien ħa l-posizzjoni ta'* draughtsman, *u kif ukoll li kien ha promozzjoni* backdated. *In oltre, fis-sena 2019 il-ħaddiema tal-FTS kienu ssieħbu bħala membri fil-G.W.U. u r-rikorrent kien wieħed mis-*shop stewards *matul in-negozjar tal-Ftehim Kollettiv. F'dwan in-negozjati kien hemm l-FTS, il-G.W.U. u kif ukoll IRU. Hawn kien ġie maqbul li l-*allowances *eżistenti kollha kellhom jibqgħu (fn. 6 Seduta tal-1 ta' Novembru 2022, xiehda tar-rikorrent, Keith Borg Caruana.)*

*Meta r-rikorrent kien sar jaf li kien inqgħatalu l-*expense allowance *kien fetaħ każ quddiem l-Ombudsman, u dan kien fil-25 ta' Jannar 2022. Dan il-każ, kif sostna r-rikorrent kien inqata' kontrih. Fis-26 ta' Jannar 2022 kien ġie ffirmat il-Ftehim Kollettiv fejn kienet ġiet inkluża* allowance *ġdida (*continuous performance development) *u ġew itterminati l-*allowances *li kienu eżistenti (fn. 7 Dok. 'FTS-11'* – Collective Agreement 2020 – 2024 Between the Foundation for Tomorrow's Schools and the General Workers' Union). *Ir-rikorrent jgħid li ma kienx aċċetta l-ammont ta' €596 a saldu tal-pretensjonijiet li hu kellu dwar dan l-*expense allowance, *offrut mill-Fondazzjoni.*

*Dwar din l-eċċezzjoni t-Tribunal jagħmel referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet Antoinette Calleja vs Direttur Ġenerali fid-Dipartiment tal-*

*Kuntratti et, tas-27 t'Ottubru 2021. L-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet dwar it-terminu tal-erba' xhur dekandenza:-*

Il-proċeduri li l-appellanta intavolat kif ingħad, ma żammewiex milli tressaq azzjoni taħt l-artikoli 2 u 3 tal-L.S. 452.95, iżda d-dispożizzjonijiet tas-subregolament 10(1) kien jipprovdi b'mod ċar li t-terminu kien jibda jiddekorri minn meta allegatament twettqet id-diskriminazzjoni, u mhux minn meta jkun hemm deċiżjoni tal-Ombudsman jew ta' xi tribunal kważi ġudizzjarju ieħor. Huma jirrilevaw ukoll li permezz ta' nota tal-4 ta' Novembru, 2015, l-appellanta kienet iddikjarat li hija ma kinitx aktar interessata li tikseb il-kariga ta' Direttur fi ħdan id-Dipartiment tal-Kuntratti, u b'hekk ir-raġuni tal-allegata diskriminazzjoni tħassret minnha stess. Jirrilevaw li l-applikazzjonijiet għall-promozzjonijiet wara kollox lanqas biss jaslu għand id-Dipartiment tal-Kuntratti, u d-Direttur Ġenerali appellat ma jkollu l-ebda sehem fil-proċess tal-għażla, kif ġara fil-każ odjern. F'dawn iċ-ċirkostanzi kollha id-deċiżjoni appellata jgħidu li kienet waħda tajba.

14. Il-Qorti taqbel li t-Tribunal iddeċieda sew, u dan għaliex l-ebda waħda mit-tliet istanzi li l-appellanta ssemmi in sostenn tal-argument tagħha, ma tirriżulta proprju fil-perijodu rilevanti bejn it-23 ta' Jannar, 2012 u t-23 ta' Mejju, 2012. Hija tibda billi tagħmel riferiment għad-deċiżjoni tal-Ombudsman tat-23 ta' Mejju, 2012. Iżda l-Qorti tagħraf li r-rapport tal-Ombudsman jikkostitwixxi proċess ta' investigazzjoni ta' ilment tagħha li tressaq quddiemu fl-1 ta' Settembru, 2011 kif tirrileva hija stess, u dan dwar diversi ċirkostanzi ta' allegati diskriminazzjoni u umiljazzjoni fuq il-post tax-xogħol tagħha, partikolarment għaliex id-Direttur Ġenerali appellat allegatament bi ksur taċ-Ċirkolari 2 ta' 2011, qatt ma kien iddiskuta l-prestazzjoni tagħha fuq ix-xogħol jew ir-rata tal-performance bonus li ġie deċiż li kienet applikabbli għal dak il-perijodu bejn l-1 ta' April, 2010 sal-31 ta' Diċembru, 2010. Hija tikkontendi li matul il-perijodu kollu li fih ingħalqu l-proċeduri quddiem l-Ombudsman, l-atti lamentati baqgħu għaddejjin u għalhekk tikkontendi li hemm il-kontinwità. Iżda l-Qorti ma taqbilx. Is-subartikolu 10(1) tal-L.S.452.95 jirrikjedi b'mod ċar u inekwivoku li l-ilment jitressaq quddiem it-Tribunal fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, u ġaladarba jirriżulta li hija kienet ġiet a konoxxenza tal-allegat aġir hekk kif hija kienet irċeviet il-paga tagħha biż-żieda tal-performance bonus bir-rata ta' 6%, u l-ilment tagħha għamlitu quddiem l-Ombudsman fl-1 ta' Settembru, 2011, din il-Qorti ma tarax li għandu jkun hemm dubju li l-ksur allegat seħħ ferm qabel id-data tal-preżentata tal-ilment tagħha quddiem it-Tribunal fit-22 ta' Mejju, 2012. Dan iġib il-konsegwenza li l-azzjoni tal-appellanta kienet ġiet preskritta ai termini tas-subarikolu 10(1) tal-L.S. 452.95 (fn. 8 appell Inferjuri Numru 27/2021 LM –

Antoinette Calleja (K.I. nru 319481M) (‘l-appellanta’) vs. Direttur Ġenerali fid-Dipartiment tal-Kuntratti u b’digriet datat 9 ta’ Jannar, 2013, ġie kjamat in kawża l-Onorevoli Prim Ministru (‘L-appellati’), per Onor. Imhallef Lawrence Mintoff, Seduta tas-27 ta’ Ottubru, 2021)

*It-Tribunal iqis li meta kien ġie ffirmat l-ftehim kollettiv, u ċioe fis-26 ta’ Jannar 2022, r-rikorrent kien ġia konsapevoli b’dan l-allegat ksur. Id-data ta’ meta ġie ntavolat ir-rikors promotur kienet fil-11 ta’ Mejju 2022, u għalhekk il-ksur allegat seħħ qabel l-erba’ xhur stipulati fl-artikolu 10 (1) tal-L.S. 452. 95, u dan stante li r-rikorrent kien ġia a konoxxenza ta’ dan l-allegat ksur. Dan irriżulta mill-provi, fosthom, mix-xhieda tal-istess rikorrent. Ir-rikorrent kien f’posizzjoni vantaġġjuża stante li hu stess, u dan kif ikkonferma fix-xhieda tiegħu, li hu kien parti min-negozjati tal-Ftehim Kollettiv. In oltre, l-istess rikorrent ikkonferma li fis-sena 2019 kien ġia qiegħed jallega li kienet qiegħda ssir diskriminazzjoni miegħu. Ir-rikorrent kien ilu jilmenta mill-allegata diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu.*

*It-Tribunal dwar din l-eċċezzjoni preliminari hu tal-fehma li r-rikorrent kien a konoxxenza ta’ dan l-allegat ksur, u tenut kont ta’ dan kollu qiegħed jilqa’ din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta’ artikolu 10 (1) tal-L.S. 452.95.*

*Għar-rigward taż-żewg eċċezzjonijiet oħra preliminari u ċioe li l-Fondazzjoni intimata ma hijiex il-leġittimu kontradittur.*

## L-Appell

8. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-10 ta’ Marzu, 2023 fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

*“...jogħġobha* ***tirrevoka*** *d-deċiżjoni mogħtija mill-abbli Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi, Każ numru 4068/GV deċiż nhar it-28 ta’ Frar 2023 u* ***tilqa’ l-aggravji*** *kollha mressqa fl-appell odjern u konsegwentament* ***tirritorna l-atti tal-Kwistjoni odjerna lura lit-Tribinal Industrijali, diversament presedut, għall-prosegwiment tal-istess Kwistjoni*** *bis-smigħ tal-provi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari u l-mertu, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Fondazzjoni intimata.”*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (i) it-Tribunal naqas milli jikkunsidra li permezz ta' rikors tagħha, il-Fondazzjoni appellata kienet qiegħda titlob permess sabiex titħalla tressaq l-eċċezzjonijiet preliminari ulterjuri tagħha; u (ii) it-Tribunal naqas milli japplika is-subregolament 10(1) tal-L.S. 452.95 kif ċitat mill-Fondazzjoni appellata waqt it-trattazzjoni tat-talba tagħha.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. Il-Fondazzjoni appellata wieġbet fl-20 ta' Marzu, 2023, fejn preliminarjament qajmet il-kwistjoni li l-appell odjern ma jittrattax punt ta' liġi skont kif jitlob l-artikolu 82 tal-Kap. 452. Hija wieġbet ukoll għall-aggravji tal-appellant, u talbet sabiex l-appell tiegħu jiġi miċħud, filwaqt li tiġi wkoll ikkonfermata d-deċiżjoni appellata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkonsidra jekk l-appell odjern jiswiexu ċioe' l-appellant ottemporax ruħu mad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Il-Qorti tirrileva li dan is-subartikolu jitlob li appell minn sentenza tat-Tribunal għandu jsir biss fuq punt ta' liġi, u dan fiċ-ċirkostanzi hemm imfissra, fosthom fejn il-każ ikun jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal skont it-Titolu 1 tal-istess liġi, jew skont ir-regolamenti magħmulin taħtu. Meħud in konsiderazzjoni li t-talba tal-appellant lit-Tribunal għal dikjarazzjoni ta' diskriminazzjoni li allegatament seħħet kontrih bi ksur tal-artikoli 26 *et seq.* tal-Kap. 452, saret taħt id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Titolu 1 ta' din il-liġi, il-Qorti tgħid li l-appell odjern jista' jkun permess biss jekk jaqa' fil-parametri stabbiliti

mis-subartikolu ċitat, u għalhek ser tgħaddi sabiex tinvestiga jekk is-soċjetà appellanta ottemporatx ruħha mas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

11. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant qiegħed jikkontendi li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra li permezz tar-rikors tagħha, il-Fondazzjoni appellata kienet qiegħda titlob permess sabiex titħalla tippreżenta l-eċċezzjonijiet preliminari ulterjuri tagħha. Jgħid li minflok it-Tribunal mill-ewwel għadda għad-deċiżjoni appellata mingħajr ma applika d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 728(2) tal-Kap. 12. Jgħid li madankollu l-intendiment ċar ta' dak ir-rikors kien li jekk it-talba tal-Fondazzjoni appellata tiġi milqugħa, din kienet ser tgħaddi sabiex tippreżenta l-eċċezzjonijiet preliminari ulterjuri tagħha fejn il-partijiet kien ser ikollhom id-dritt li jressqu l-provi u jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet. L-appellant jgħid li madankollu t-Tribunal ma żammx mad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 728(2) tal-Kap. 12, u b'hekk naqas milli jagħti digriet dwar it-talba magħmula mill-Fondazzjoni appellata. Minflok huwa għadda mill-ewwel għad-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma offra l-opportunità lill-istess Fondazzjoni appellata sabiex tressaq l-eċċezzjonijiet preliminari ulterjuri tagħha, u lilu sabiex jirrispondi b'mod xieraq għal dawk l-eċċezzjonijiet. B'hekk jgħid li t-Tribunal naqas milli jassiguralu smigħ xieraq.

12. Il-Qorti tikkunsidra li f'dan kollu ma jirriżultax li l-appellant qiegħed jittratta xi punt dwar il-mertu, u tqis li l-kwistjoni li qiegħed jissolleva hija waħda li tolqot punt ta' liġi, jiġifieri jekk it-Tribunal osservax id-dispożizzjonijiet proċedurali tas-subartikolu 728(2) tal-Kap. 12. Għalhekk il-Qorti tgħid li dan l-

aggravju huwa ammissibbli skont is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, u ser tgħaddi sabiex tikkunsidrah.

13. Mill-atti tat-Tribunal jirriżulta li wara li nżammet is-seduta tal-1 ta' Novembru, 2022, il-Fondazzjoni appellata kienet ippreżentat rikors f'data li l-Qorti tgħid ma tirriżultax mill-imsemmija atti, fejn issottomettiet li *"...tenut kont li l-eċċezzjonijiet ulterjuri li l-fondazzjoni qed titlob li titħalla tqajjem f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri jitqiesu ta' natura perentorja, ...umilment titlob sabiex dan l-Onorabbli Tribunal Industrijali għandu jilqa' t-talba tal-Fondazzjoni jekk xejn għall-aħjar amministrazzjoni tal-gustizzja."*. L-appellant ippreżenta t-tweġiba tiegħu fis-16 ta' Novembru, 2022 u t-talba tal-Fondazzjoni appellata ġiet ittrattata waqt is-seduta tal-10 ta' Jannar, 2023 miżmuma mit-Tribunal, li ddiferixxa l-kawża *"...għal* ***nhar it-Tlieta 28 ta' Frar, 2023, fis-1:00pm*** *għad-deċiżjoni preliminari dwar ir-rikors."*.

Iżda tirrileva li kif sewwa jissottometti l-appellant, it-Tribunal għadda sabiex mill-ewwel iddeċieda dawk l-eċċezzjonijiet li l-Fondazzjoni appellata talbet sabiex tiġi permessa tippreżenta, u dan minflok ma ddeċieda t-talba tagħha kif kellu jagħmel skont il-verbal tas-seduta preċedenti. Il-Qorti tqis li b'hekk it-Tribunal ma segwiex il-proċedura dettata minnu stess, b'konsegwenza li l-appellant ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu li jwieġeb għal dawk l-eċċezzjonijiet in kwistjoni anki permezz ta' prova.

Għaldaqstant din il-Qorti tqis l-ewwel aggravju tal-appellant ġustifikat u tilqgħu, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju tiegħu, ġaladarba ser tgħaddi sabiex tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju tiegħu, tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tibgħat lura l-atti tal-każ odjern quddiem it-Tribunal, diversament ippresedut, sabiex qabel xejn jiddeċiedi jekk it-talba tal-Fondazzjoni appellata sabiex tippreżenta l-eċċezzjonijiet preliminari ulterjuri għandhiex tintlaqa', u fl-eventwalità li jilqa' din it-talba, jagħti l-opportunità lill-partijiet sabiex jippreżentaw il-provi u s-sottomissjonijiet tagħhom fir-rigward ta' dawk l-eċċezzjonijiet, u dwar il-mertu.**

**Bl-ispejjeż tal-proċedura quddiem it-Tribunal u dawk ta' dan l-appell a karigu tal-Fondazzjoni appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**